MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 400/2004

**Avviz numru 400/04DM**

**CNJ International Ltd. (C 8239)**

**Vs**

**Michael Bonnici (ID 731155 (M))**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm3,750), rapprezentanti in kwantu ghal elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) import ta’ tlett (3) kambjali ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) il-wahda u inkwantu ghal elfejn, mitejn u hamsin lira Maltin (Lm2,250) rapprezentanti import ta’ tlett (3) kambjali ta’ seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm750) il-wahda, liema kambjali ghandhom il-kopji taghhom

annessi ma’ l-Avviz u huma ffirmati minn Michael Bonnici u huma maturati , skaduti u mhux onorati jigifieri:

a) Zewg kambjali ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) u seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm750) skaduti fil-15 ta’ Mejju, 2004;
b) Zewg kambjali ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) u seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm750) skaduti fil-15 ta’ Gunju, 2004;
c) Zewg kambjali ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500) u seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm750) skaduti fil-15 ta’ Lulju, 2004;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 24 ta’ Gunju, 2004, tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 1488/04 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti qieghda ghalhekk tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ tlett elef, seba’ mija, u hamsin lira Maltin (Lm3,750) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghax legali b’effett mis-26 ta’ Lulju, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, l-esekuzzjoni ta’ din is-sentenza tista’ issir wara li jigu esebiti fl-atti l-kambjali originali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------